MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 24

16 ta' Lulju 2009

SEDUTA STRAODINARJA

Minuti tas-Seduta Nru. 24 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra Joseph Azzopardi u Patrick Cutajar, li kienu skużati.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Għalkemm il-minuti tas-seduta Nru. 23 kienu tqassmu, l-approvazzjoni tagħhom tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Premju – Sportivi Melleħin tas-Sena 2008 (S/4/4)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li wieħed mill-premijijiet li ser jingħataw fl-attività msemmija huwa "Rikonoxximent għall-Ħidma Sportiva fil-Mellieħa". Dan huwa l-unika premju li jingħata mill-Kunsill u mhux mill-ġurija waqt is-serata li ser tittellgħa fi Ġnien il-Qigħan.

2.1.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan għandu jingħata lis-Sinjura May Fenech li ilha diversi snin tikkowċja t-Tim tal-Basketball tal-Mellieħa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Abbozz ta' *Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Artiklu fil-gazzetta "Kull Ħadd" (M/3/Vol III)

4.1.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għal artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta "Kull Ħadd" tat-12 ta' Lulju 2009, bit-titlu *"Is-Sindku tal-Mellieħa b'permess għall-bini li kellu jkun irrifjutat"*. Huwa qal li fl-istess artiklu saru allegazzjonijiet dwaru, fis-sens li l-applikazzjoni għall-bini mill-ġdid tad-dar tiegħu, fi Triq il-Garzella kantuniera ma' Triq Tas-Salib (PA 2386/07), ġie approvat mill-Kummissjoni Dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp, minkejja r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-*Case Officer*.

4.1.3. Is-Sindku ċaħad bil-qawwa li hemm xi ħaġa llegali fil-ħruġ tal-permess imsemmi u qal li ser jirriżerva d-dritt li jieħu passi legali kontra l-editur ta' l-istess ġurnal sabiex jiġi ppruvat li ma saru ebda rregolaritajiet. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ser jwieġeb fl-istess gazzetta, kif tipprovdi l-liġi ta' l-istampa.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ma' ġiet imressqa ebda *Purchase Request Form*.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma ġiet imressqa ebda skeda ta' pagamenti.

## 7.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)(P/5/8/P)

7.2. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi aċċenna għar-rejazzjoni li kien hemm fil-ġurnali dwar dan is-suġġett, liema rejazzjoni ġiet segwita b'attenzjoni. L-artikli li kien hemm ġew mgħoddija lill-konsulent legali u l-kunsillieri kollha qabel is-seduta. Is-Sur R. Cutajar qal li kien hemm rejazzjoni mħallta, iżda nnota b'sodisfazzjoni li saru kummenti pożittivi mill-Malta Hotels and Restaurants Association, il-General Retailers and Traders Union, flimkien ma' individwi li kkummentaw fuq bażi personali.

7.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-aktar rejazzjoni qawwija kienet dwar il-*caravans*, wara li dawn tneħħew għal kollox mill-parkeġġi li hemm bejn il-Mellieħa Bay Hotel u l-Costa Del Sol Lido, fl-Għadira. Dawn ma aċċettawx il-post alternattiv li ngħataw taħt ir-riħ tat-Torri l-Aħmar, għaliex ma kienx addattat għat-tfal, kien infestat bl-insetti, filwaqt li huwa mbiegħed mill-baħar. Il-Birdlife Malta u NGO's oħra wkoll ipprotestaw dwar is-sit alternattiv, imsemmi.

7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tkomplew il-kuntatti bejn is-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u l-Erarji Pubbliċi – l-Onor Jason Azzopardi – u l-Avukat Toni Abela f'isem is-sidien tal-*caravans*. Permess ta' l-istess kuntatti l-Avukat Abela ppropona li jkun hemm sit alternattiv fl-inħawi tal-Qortin it-Twil, li jinsab biswit Triq Ramlet il-Qortin. Is-Sindku qal li minn verifiki li saru min-naħa tal-Kunsill, irriżulta li din l-art kienet proposta bħala sit għall-*caravans* fl-abbozz tal-Pjan Ta' Azzjoni għall-Marfa, ippubblikat fl-2002. Il-*Policy* MRE 2 titratta dan is-suġġett, filwaqt li l-pjanta 8.2 tagħti ndikazzjoni tad-daqs tagħha. Is-Sindku qal li l-Avukat Ian Stafrace – il-konsulent legali tal-MEPA ġie nvolut f'din il-materja u ser jara jekk huwiex legalment possibbli li l-art fl-inħawi tal-Qortin it-Twil tintuża temporanjament bħala sit għall-*caravans*.

7.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li fir-rigward ta' l-ikkampjar u l-*barbecues* huwa maħsub li jiġu pprojbiti ċerti postijiet, filwaqt li ngħataw alternattivi fejn din it-tip ta' attività tista' tibqa' għaddejja. Fil-każ tal-*caravans* ma sarx hekk, għalkemm sar sforz li ma rnexxiex. Huwa għalhekk jaqbel li għal ftit ġimgħat li fadallu s-sajf 2009, il-*caravans* jiġu ttollerati fl-inħawi tal-Qortin it-Twil.

7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li l-inħawi Tal-Qortin it-Twil għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jintużaw bħala *caravan site temporanja,* bil-kundizzjonijiet segwenti:

- Is-sit m'ghandux jieħu aktar minn 50 *caravan* li jiġu akkomodati *on first come first served basis*;
- Il-*caravans* kollha għandhom jitneħħew minn fuq is-sit sal-15 ta' Settembru 2009; u
- Ma jsirux pjattaformi tal-konkos.

7.7. Is-seduta ġiet sospiża sabiex isiru nterventi mill-konsulent legali tal-Kunsill – l-Avukat John Bonello. Mid-diskussjoni li żvolgiet fuq it-test tal-*bye-laws* li ġie mgħoddi minn l-Avukat Bonello qabel is-seduta, kif ukoll fid-dawl tar-rejazzjoni li kien hemm fuq l-istampa u l-mezzi tax-xandir, sar it-tibdil indikat hawn taħt:

| | Test fit-Tielet Abbozz | Test Approvat mill-Kunsill |
|---|---|---|
| 2. | Ma kinitx inkluża | "applikant" tfisser kull persuna, inkluż individwu, kumpannija, każin jew għaqda li tapplika ghal permess skont dawn il-*bye-laws*; |
| | Ma kinitx inkluża | "applikazzjoni" tfisser talba li ssir skont dawn il-bye-laws, fil-formola li tinsab murija fit-Tielet Skeda ta' dawn il-*bye-laws*; |
| | "art privata" tfisser art li ma tkux art tal-Gvern jew pubblika; | "art privata" tfisser art li dwarha xi persuna jkollha titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment*; |
| | Ma kinitx inkluża | "attivita" tfisser kull attivita li ssir fil-berah u li dwarha japplikaw dawn il-*bye-laws*; |
| | bajja" tfisser kull bajja fil-lokalità; | "bajja skedata" tfisser bajja li tinsab elenkata fir-Raba' Skeda ta' dawn il-*bye-laws*; |
| | "kamp" tinkludi kull tip ta' tinda tad-drapp jew tal-kanvas, kamp jew struttura temporanja, iżda teskludi l-umbrelel; | "kamp" tinkludi kull tip ta' tinda tad-drapp jew tal-kanvas, kamp jew struttura temporanja ohra, iżda teskludi l-umbrelel; |
| | "zona ghall-kampijiet" tfisser kull zona indikata fil-pjanta li tinsab fl-Ewwel Skeda ta' dawn il-*bye-laws* li fiha jistgħu jintrama kamp. | "zona ghall-kampegg" tfisser kull zona indikata fil-pjanta li tinsab fl-Ewwel Skeda ta' dawn il-*bye-laws* li fiha jistgħu jintrama kamp. |
| 3.1. | Ebda persuna ma tista' f'xi post ġewwa l-lokalità, inkluż f'xi bajja, tqiegħed kamp jew *caravan* jew torganizza xi tisjir fil-miftuħ, sakemm ma tottjenix il-permess tal-Kunsill mogħti bil-miktub:<br><br>Izda l-ebda permess bil-miktub skond dawn il-*bye-laws* ma jkun mehtieg sabiex jigi organizzat xi tisjir fil-miftuħ f'zona għall-*barbecue* sakemm l-attivita tkun limitata ghal mhux aktar minn hmistax-il persuna. | Mingħajr preġudizzju għal kull permess ieħor meħtieġ minn xi awtorità oħra jew taħt xi liġi oħra, ħadd ma jista' f'xi post ġewwa l-lokalità, inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp jew *caravan* jew jorganizza xi tisjir fil-miftuħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill:<br><br>Izda l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-*bye-laws* ma tkun mehtiega sabiex tigi organizzata xi attivita ta' tisjir fil-miftuħ f'xi parti tal-lokalita, hlief f'xi bajja skedata, sakemm l-attivita tkun limitata ghal mhux aktar minn hmistax-il persuna:<br><br>Izda wkoll l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skond dawn il-*bye-laws* ma tkun mehtiega sabiex jitqieghed xi kamp f'zona ghall-kampegg, sakemm tali kamp ikun intiz ghal mhux aktar minn hmistax-il persuna. |
| 3.2. | Il-Kunsill ghandu jqieghed sinjali kif muri fit-Tieni Skeda ta' dawn il-*bye-laws* sabiex jindika li sit ikun meqjus zona għall-*barbecue* ghall-fini ta' dawn il-*bye-laws*. | Il-Kunsill ghandu jqieghed sinjali kif muri fit-Tieni Skeda ta' dawn il-*bye-laws* sabiex jindika li f'bajja skedata ma jistax isir tisjir fil-miftuh jew sabiex jindika li sit ikun meqjus bhala zona għall-kampegg ghall-fini ta' dawn il-*bye-laws*. |

| | Test fit-Tielet Abbozz | Test Approvat mill-Kunsill |
|---|---|---|
| 3.3 | Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' dawn il-*bye-laws*, l-ebda permess ma jkun mehtieg sabiex jitqieghed *caravan*, kamp jew sabiex isir xi tisjir fil-miftuħ fuq art privata. | L-ebda permess ma jkun mehtieg skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn il-*bye-laws* sabiex issir xi attivita fuq art privata. |
| 4.1. | Il-Kunsill jista' fuq applikazzjoni ta' kull persuna, jaghti permess sabiex jitqiegħed kamp jew *caravan* jew jigi organizzat xi tisjir fil-miftuħ f'xi parti tal-lokalita b'dan li tali permess jista' jkun soggett ghal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu xierqa. | Il-Kunsill jista' fuq applikazzjoni ta' kull persuna, jaghti permess sabiex issir xi attivita f'xi parti tal-lokalita b'dan li tali permess jista' jkun soggett ghal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu xierqa. |
| 4.2. | Fl-applikazzjoni, l-applikant ghandu jindika ghal kemm persuni l-attivita li dwarha jkun qed jitlob permess tkun intiza u fin-nuqqas li jaghmel dan ghandu jigi prezunt li l-attivita tkun intiza ghal aktar minn hamsin persuna; | Fl-applikazzjoni, l-applikant ghandu jindika ghal kemm persuni l-attivita li dwarha jkun qed jitlob permess tkun intiza u fin-nuqqas li jaghmel dan ghandu jigi prezunt li l-attivita tkun intiza ghal aktar minn hamsin persuna; |
| 4.4. | L-ebda permess, ma ghandu jinghata sakemm l-applikant ma jhallasx dritt lill-Kunsill ta' għaxar ewro (€10) ghal kull jum li matulu jkun se jitqiegħed kamp jew *caravan* jew ikun se jigi organizzat xi tisjir fil-miftuħ:<br><br>Izda l-ebda dritt ma ghandu jithallas sakemm attivita tkun intiza ghal anqas minn sittax-il persuna;<br><br>Izda wkoll ghandu jithallas dritt ta' ghoxrin euro (€20) meta l-attivita tkun intiza ghal aktar minn hmistax izda ghal mhux aktar minn hamsin persuna. | L-ebda permess, ma ghandu jinghata sakemm l-applikant ma jhallasx dritt lill-Kunsill ta' għaxar ewro (€10) ghal kull jum li matulu jkun se jitqiegħed kamp jew *caravan* jew ikun se jigi organizzat xi tisjir fil-miftuħ:<br><br>Izda wkoll ghandu jithallas dritt ta' ghoxrin euro (€20) meta l-attivita tkun intiza ghal aktar minn hmistax izda ghal mhux aktar minn hamsin persuna. |
| 5.1. | Kull persuna li f'xi post ġewwa l-lokalità, inkluż f'xi bajja, tqiegħed kamp jew *caravan* jew torganizza xi tisjir fil-miftuħ, minghajr il-permess tal-Kunsill mogħti skont id-dispozizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) għal dik il-kontravvenzjoni. | Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew tikser xi kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws*, teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' mhux aktar minn disgħa u sittin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) għal dik il-kontravvenzjoni. |
| 5.2. | Meta jinstab li ma jkunx thallas id-dritt relattiv skont in-numru ta' persuni li jkunu prezenti ghal attivita li dwarha japplikaw dawn il-*bye-laws*, il-persuna li tkun applikat u ottjeniet permess skont dawn il-*bye-laws*, tehel meta tinsab ħatja, ammenda ta' hamsin euro (€50). | Ma ġietx inkluża fl-abbozz approvat. |

7.8. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill approva l-emendi proposti hawn fuq, kif ukoll talab li ssir traduzzjoni tat-test Malti għall-Ingliż sabiex il-bye-laws jiġu sottomessi lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, skond kif stipulat fl-Artiklu 35 (3) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**